MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Numru. 1032/2004

**Il-Pulizija**
**(Supt. Carmelo Magri)**
**vs**
**Maria Camilleri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Maria Camilleri** ta’ 33 sena, mart Kamel u bint Carmelo Camilleri mwielda Birkirkara nhar il-5 ta’ Lulju 1971 residenti fil-fond bl-isem ‘Trillium’ Triq is-Siberja M’Skala detnetrici tal-karta tal-identita nurmu 366971M;

Talli [flimkien ma’ persuna ohra] fit-12 t’Ottubru 2001 u fix-xhur ta’ qabrel din id-data f’dawn il-Gzejjer heddidtu lil Cettina Kok bil-fomm li tikkagunawlha offizi gravi u tajtuha ordni jew kundizzjoni sabiex tizzewweg lil Abdalla El

Ahmad detentur tal-karta tal-identita bin-numru 24243(A) bi ksur 249 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li testorcja flus jew xi haga ohra, jew taghmlu xi qliegh, bi vjolenza jew theddid giegheltu lill-istess Cettina Kok sabiex tizzewweg lill-istess Abdalla Al Ahmad, liema theddid wassalkom fi hsiebkom u dan bi ksur tal-artikolu 250 (1) (2) u 251 (1) (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata sabiex il-kawza kontra taghha jkun trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha:

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputata flimkien ma persuna ohra quddiem din il-Qorti wara informazzjoni illi l-imputati originarjament issugerew lill-kwerelanta mod kif taghmel ftit flus malajr wara li kienet telqet mid-dar tal-genituri taghha u spiccat bla xoghol. Is-suggeriment kien li l-imputat l-iehor illaqqaha mal-imputata odjerna sabiex da parti taghha tlaqqa lil-kwerelanta ma' ragel Gharbi li ried jizzewweg ma' Maltija biex igib ic-cittadinanza Maltija. Wara li kienet konvinta minn dan, il-kwerelanta flimkien mal-persuna Gharbija marru l-ufficcju tal-immigrazzjoni fejn saru jafu li b'dan iz-zwieg r-ragel futur tal-kwerelanta ma kienx ser jottjeni ic-cittadinanza Maltija stante li hi kienet Olandiza hlief jekk tirrinunzja ghaliha izda l-kwerelanta ma kienitx lesta titlef ic-cittadinanza taghha u l-imputata flimkien mal-komplici bdew jhedduha bi swat u b'din il-biza accettat u tant li rrinunzjat ghac-cittadinanza Olandiza sal-punt ukoll li zzewget lill-persuna Gharbija kontra l-volonta' taghha b'theddid fuq hajjitha u dan kollu jemergi mix-xhieda tas-Supretendent dakinhar Spettur Carmel Magri.

Fil-mori tal-kawza l-imputat l-iehor, Keith Pace kien ammetta l-akkuzi u inghatat sentenza kontra tieghu. Ghalhekk kien intalab separazzjoni tal-gudizzju u l-kawza tkompliet fil-konfront tal-imputata odjerna;

Ezaminati l-provi mressqa, tirrizulta biss id-deposizzjoni tal-Ispettur prosekutur u dan ghaliex wara diversi differimenti l-Qorti kienet ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawza fi stadju difiza. Konsegwentement l-kwerelanta, li apparentement tghix barra minn Malta, baqghet ma xehditx f'dawn il-proceduri u ghalhekk l-imputata ghandha ragun meta fis-sottomissjonijiet taghha tirrileva illi ma hemmx provi fil-kaz kontra taghha;

Ghal dawn il-motivi, ma ssibx lill-imputata hatja u tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------